# It-Tnejn u Għoxrin Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Iċċekken u ssib grazzja quddiem il-Mulej.*

Sir 3, 17-20.28-29

**Qari mill-Ktieb ta' Bin Sirak**

17 Ibni, kun ġwejjed fix-xogħol li tagħmel,
u tkun maħbub iktar minn wieħed milqugħ min-nies.
18 Akbar m'int, iktar għandek iċċekken ruħek,
u ssib grazzja quddiem il-Mulej.

19 Ħafna huma l-imkabbrin u l-imsebbħin,
imma l-Mulej jikxef lill-umli l-misteri tiegħu.
20 Għax kbira hi s-setgħa tal-Mulej,
imma hu msebbaħ min-nies umli.

28 Mhemmx duwa għall-bniedem kollu kburija,
għax din ħaxixa ħażina b'għeruqha mxenxla fih.
29 Min għandu l-għerf jifhem il-proverbji
u l-għaref ħerqan li jkollu min jisimgħu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla





## Salm Responsorjali

Salm 67 (68), 4-5aċ. 6-7ab. 10-11

R/. (ara 11b) O Alla, int ħejjejt dar għall-fqajjar

4 Il-ġusti jithennew quddiem Alla,
jifirħu u jaqbżu bil-ferħ.
5 Għannu lil Alla, faħħru ismu.
Tgħaxxqu fil-Mulej, aqbżu bil-ferħ quddiemu. R/.

6 Missier l-iltiema u difensur tar-romol,
hekk hu Alla fl-għamara mqaddsa tiegħu.
7 Alla jagħti d-dar lil dawk li huma weħidhom,
u lill-ħabsin bir-riżq joħroġhom. R/.

10 Xita bil-kotra inti bgħatt, o Alla, fuq l-art, wirt tiegħek,
u meta kienet bil-għatx inti ħjejtha.
11 Il-poplu tiegħek għammar fiha,
fi tjubitek, o Alla, għall-fqajjar ħejjejtha. R/.

# Qari II

*Intom ersaqtu lejn il-muntanja ta' Sijon u lejn il-belt ta' Alla l-ħaj.*

Lhud 12, 18-19. 22-24a

**Qari mill-Ittra lil-Lhud**

Ħuti, [18]intom ma rsaqtux lejn in-nar materjali u jħeġġeġ tas-Sinaj;
lejn dak is-swied u d-dlam u r-riefnu; [19]lejn dak id-daqq ta' tromba
u ħoss ta' kliem li dawk li kienu jisimgħuh talbu bil-ħerqa biex ma
jkellimhomx aktar.

[22]Imma intom ersaqtu lejn il-muntanja ta' Sijon u lejn il-belt ta' Alla
l-ħaj, li hi Ġerusalemm tas-sema; ersaqtu lejn eluf ta' anġli f'ġemgħa
ferrieħa; [23]lejn il-ġemgħa tal-ulied ewlenin li isimhom hu miktub
fis-sema; lejn Alla l-imħallef ta' kulħadd; lejn l-erwieħ ta' nies tajba
u perfetti; [24]lejn Ġesù l-medjatur ta' patt ġdid.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Mt 11, 29ab

Hallelujah. R/. Hallelujah
Ħudu fuqkom il-madmad tiegħi, jgħid il-Mulej,
u tgħallmu minni, għaliex jiena ta' qalb ħelwa u umli.
R/. Hallelujah





# Evanġelju

*Kull min jitkabbar, jiċċekken; u min jiċċekken, jitkabbar.*

Lq 14, 1.7-14

**✠ Qari mill-Evanġelju skont San Luqa**

[1]Darba, kien is-Sibt, Ġesù daħal għand wieħed mill-kapijiet tal-fariżej
biex jiekol għandu, u huma qagħdu għajnejhom fih.

[7]Billi ra b'għajnejh kif il-mistednin bdew jagħżlu l-postijiet ta'
quddiem fil-mejda, qalilhom din il-parabbola: [8]«Meta wieħed
jistiednek għal xi festa ta' tieġ, tmurx toqgħod fil-post ta' quddiem,
li ma jkunx hemm xi mistieden aqwa minnek, [9]u dak li jkun stieden
lilek u lilu jiġi fuqek jgħidlek: "Agħti l-post lil dan," u int imbagħad,
b'regħxa ta' mistħija fuqek, ikollok tieħu l-post tal-aħħar.
[10]Għall-kuntrarju, meta tkun mistieden, mur inxteħet fil-post
tal-aħħar, biex meta jiġi dak li stiednek jgħidlek: "Ħabib, itla f'post
aktar 'il fuq." U dan ikun ta' ġieħ għalik quddiem dawk kollha li
jkunu fil-mejda miegħek. [11]Għax kull min jitkabbar, jiċċekken;
u min jiċċekken, jitkabbar.»

[12]Imbagħad qal ukoll lil dak li kien stiednu: «Meta tagħti ikla jew
pranzu, tistedinx lil ħbiebek jew lil ħutek jew lil qrabatek,
u anqas ġirien għonja, għax għandhom mnejn imbagħad jistiednu
lilek huma, u hekk iroddulek il-pjaċir li tkun għamiltilhom.
[13]Għall-kuntrarju, meta tagħmel ikla, stieden il-foqra, il-magħtubin,
iz-zopop u l-għomja, [14]u hieni int, għax dawn ma għandhomx minn
fejn iroddulek pjaċir bi pjaċir, imma jroddhulek Alla meta l-ġusti
jqumu għall-ħajja.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu